# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-85 laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 14 ta' Settembru 2010 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.15 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 84**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu**:* Il-Kunsill innota li fl-ahhar il-problema tad-dawl ssolviet. Gie unanimament approvat li l-kont tal-*electrician* issa jithallas.

**3.2** ***Para 3.2 – Devoluzzjoni Xelter**:* L-Agent S.E. informa li konna rcivejna l-kopja tal-kuntratt ffirmata mid-Dipt. ta' l-Artijiet. Gie unanimament deciz li ghandha ssir sejha pubblika ghal kwotazzjonijiet sabiex isir tindif ta' l-istess xelter.

**3.3** ***Para 3.3 – Ftehim Green MT:*** L-Agent S.E. informa li konna rcivejna l-kopja tal-ftehim ffirmata minn Green MT. Hu qal ukoll li saret talba ghall-hlas minghand Green MT skond il-ftehim.

**3.4** ***Para 3.4 – Photovoltiac Tender:*** L-Agent S.E. informa li l-*photovoltiac panels* kienu wehlu. Gie unanimament deciz li dan l-apparat ghandu jigi inxurjat bhal l-assi l-ohra tal-Kunsill . Il-*premium* hu ta' €45.

***Il-Kunsillier M.Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6:25.***

**3.5** ***Para 3.6 – Offerti:*** Is-Sindku nforma li mis-16-il bank ordnati, sa issa kienu wehlu 12, tnejn ohra ser jehlu fil-granet li gejjin filwaqt li tnejn (dawk vicin il-Kazin tal-Banda) ser jehlu wara li jitlesta x-xoghol ippjanat mal-faccata tal-Kazin mis-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew. Gie unanimament deciz li mill-bankijiet li nqalghu mill-Pjazza, 4 ghandhom jehlu hdejn il-Madonna tal-Gebla l-Kbira, 1 fi Triq Stiefnu Zerafa u l-kumplament fi Triq Ghaxqet l-Ghajn.

Rigward il-fanali tal-Pjazza, l-Agent S.E. informa li kien gie nfurmat li dawn ghandhom jehlu l-gimgha d-diehla wara li ttardjaw biex waslu mill-Italja. Il-Kunsill innota li skond il-ftehim dawn kellhom jehlu sa l-20 ta' Awwissu. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li l-Kunsill jikteb formalment lill-kuntrattur u jinfurmah b'dan in-nuqqas serju kif ukoll li l-Kunsill qed jikkunsidra jittermina l-kuntratt u jsarraf il-garanzija bankarja. L-Agent S.E. ghandu ukoll jinsisti mal-kuntrattur li dawn il-fanali jehlu minghajr aktar dewmien kif ukoll il-kuntrattur ghandu joffri kumpens lill-Kunsill sabiex ipatti ghan-nuqqasijiet tieghu.

Rigward il-*website* l-Agent S.E. nforma li din suppost tkun lesta sa l-ahhar ta' dan ix-xahar. Hu qal ukoll li Rev. Dun Karm Bezzina kien lesta t-traduzzjoni tat-*text*. Il-Kunsill unanimament irringrazzja lil Dun Karm Bezzina ghal dan is-servizz.

**3.6** ***Para 3.7 – Humps fi Triq Santa Katerina :*** L-Agent S.E. informa li dawn kienu wehlu kif approvat fl-ahhar laqgha.

**3.7** ***Para 3.8 – Traffic Management fi Triq San Gwann / San Bartilmew:*** L-Agent S.E. informa li x-xoghol kien sar kif approvat.

**3.8** ***Para 3.9 – Skema Dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011:*** L-Agent S.E. informa li l-applikazzjoni kien ser tintbghat aktar tard din il-gimgha.

**3.9** ***Para 3.11 – Bexx ta' Culverts fi Triq Fidiel Zarb*:** L-Agent S.E. informa li x-xoghol kien sar kif approvat.

**3.10** ***Para 3.14 – Zebra Crossing fi Triq Caravaggio:*** L-Agent S.E. informa li t-talba taghna lil TM sabiex vetturi jkunu jistghu jipparkjaw fuq l-*Bus Stops* li hemm fi Triq Caravaggio waqt li ma jkunx hemm servizz ta' karozzi tal-linja ma kienitx giet approvata.

**3.11** ***Para 3.15 – Tnehhija ta' Bus Stop fi Triq Caravaggio:*** L-Agent S.E. informa l-Kunsill kien ircieva lment wiehed minghand residenta dwar it-tnehhija ta' dan il-*Bus Stop*. Il-Kunsill unanimament qabel li m'ghandu jsir xejn aktar.

**3.12** ***Para 3.20 – Bring-in Site:*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew risposta minghand l-Enemalta u l-W.S.C. dwar x-servizzi ghaddejjin mill-post.

**3.13** ***Para 5.8 – Hasil ta' Sqaqien:*** L-Agent S.E. nforma l-kwotazzjoni ghal dan is-servizz kienet ta' €140. Il-Kunsill unanimament hass li din gholja wisq u ghalhekk m'ghandu jsir xejn aktar.

**3.14** ***Para 6.6 – Kuntratti tal-Knis u Skart Goff:*** Is-Sindku qal li ma kien hemm l-ebda zviluppi mill-ahhar laqgha. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jipprova jgib stimi minghand il-privat ghal dan is-servizz.

**3.15** ***Para 6.9 – Zvilupp propost fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki :*** Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien ressaq l-oggezzjoni tieghu ghal dan l-izvilupp kif kienu ghamlu wkoll numru ta' residenti minn dan il-Qasam tad-Djar. Il-Kunsill unanimament approva li

jappogga l-oggezzjoni tar-residenti u ghalhekk ser ikompli jsegwi mill-qrib dan l-kaz.

**3.16** ***Para 7.4 – Photocopier:*** L-Agent S.E. informa li din kienet issewwiet kif approvat fl-ahhar laqgha. Gie unanimament deciz li jixtara t-*toner* ghall-*photocopier*.

**3.17** ***Para 7.6 – Offerti :*** Giet ratifikata unanimament d-decizjoni li ttiehdet mill-ahhar laqgha dwar it-toroq li ser jigu *resurfaced* taht l-iSkema PPP fejn il-Kunsill kien iddecieda unanimament li jimxi fuq il-parir tal-perit tal-Kunsill u kien ghazel lil *Road Servicing Ltd* bhala l-Kuntrattur ghal dan ix-xoghol. Il-Kunsill ha inkunsiderazzjoni r-rapporti tal-Perit kif ukoll li dan il-kuntrattur ghandu l-esperjenza mehtiega peress li diga kien involut f'diversi progetti simili u ghandu ukoll l-impjant tieghu ghall-manifattura tat-tarmak.

L-Agent S.E. qal li kienet inharget il-*Letter of Acceptance* lil kuntrattur maghzul u kienet giet sottomessa lill-Kunsill il-Garanzija Bankarja. L-ebda kuntrattur minn dawk li tefghu l-offerta ma kien ghamel oggezzjoni ghad-decizjoni tal-Kunsill. Is-Sindku u l-Agent S.E. gew awtorizzati mill-Kunsill sabiex jiffirmaw il-kuntratt f'isem il-Kunsill.

Gie unanimament approvat li l-gimgha d-diehla ghandu jsir il-*co-ordination meeting* sabiex wara jkun jista jinbeda x-xoghol. L-Agent S.E. informa li l-istima riveduta ibbazata fuq ir-rata l-godda turi li x-xoghol fuq it-toroq ser jiswa madwar € 57,000 aktar minn kemm kien originarjament mahsub. Kien gie infurmat id-Dipt. tal-Gvern Lokali fejn saret talba sabiex ninghataw aktar finanzjament.

Gie unanimament deciz li ghandha ssir talba lil TM sabiex jitwahhlu 6 settijiet ta' *sleeping policeman* matul Triq Ghaxqet l-Ghajn. Gie unanimament deciz li f'parti minn Triq Ghaxqet l-Ghajn in-naha ta' Triq il-Gnien titwahhal kurduna mal-genb tat-triq sabiex tindika t-tarf tat-triq. Din issir qabel ma jsir it-tarmak. Sadanittant il-Kunsill unanimament ikkundanna l-vandalizmu li sar fl-istess triq meta diversi *bollards* inqalghu.

Kien hemm qbil li l-Kunsill ghandu jitlob lil-perit tal-Kunsill sabiex jaghmel evalwazzjoni fuq l-offerti li konna rcivejna ghall-kuntratt tar-*resurfacing* u xoghlijiet ohra (*period contract*).

Rigward ir-restawr tal-pittura gie unanimament deciz li ghandna nsegwu mill-qrib dan ir-restawr sabiex dan jitlesta saz-zmien stipulat. L-Agent S.E. intalab jikkonferma li x-xoghol kien beda.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament minbarra l-kont nru. 4 minghand Sigma Paints peress li l-Kunsill ma kienx sodisfatt bil-prodott u ghalhekk gie unanimament deciz li nitolbu laqgha ma rapprezentanti tal-kumpanija.

**4.2** Il-lista ta' nfieq li saret mill-*Petty Cash* matul Awwissu 2010 u li kopja taghha kienet intbghatet ma' l-Agenda giet ukoll approvata unanimament.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Talba sabiex parti minn sqaq li hemm fi Triq Ghaxqet l-Ghajn tinkesa bil-konkos.

Gie unanimament deciz li ghalissa ghandu jsir biss tindif miz-zrar ta' din il-parti ta' l-isqaq u decizjoni dwar il-konkos tittiehed aktar il-quddiem.

**5.2** Ilment dwar hofra perikoluza li thalliet minn kuntrattur li kien qed jahdem fil-parti ta' gewwa ta' Triq Kromb il-Bahar.

Il-Kunsill innota li f'dan il-kaz aktarx li saret trinka fit-triq minghajr il-permess mehtieg ta' TM. Gie unanimament deciz li ghandna nkellmu lill-kuntrattur/sid sabiex isir *reinstatement* kif suppost u jekk ikun hemm bzonn isir rapport lill-TM.

**5.4** Talba sabiex isir qtugh ta' haxix fi Triq Kromb il-Bahar.

Din it-talba giet accettata u gie deciz li x-xoghol isir mill-haddiema tal-Kunsill.

**5.5** Talba sabiex l-ipparkjar ta' vetturi fi Triq San Nikola jkun ristrett biss ghar-residenti.

Il-Kunsill unanimament iddecieda li ma jaccettax din il-talba peress li f'din it-triq isir ipparkjar ta' vetturi prattikament mir-residenti biss. .

**5.6** Ilment minn resident dwar *Double Yellow Line* li gie mtawwal dan l-ahhar sabiex vetturi ma jibqghux jostakolaw id-dhul u l-hrug ta' vetturi minn garaxx.

Gie unanimament deciz li kollox ghandu jibqa kif inhu prezentament peress li jekk dan il-line jerga jitqassar xorta wahda ma jibqax spazju fejn tipparkja vettura.

**5.7** Gew diskussi wkoll diversi lmenti ohra li kienu dahlu mill-ahhar laqgha 'l hawn u li dwarhom kienet diga ittiehdet azzjoni. Il-Kunsill unanimament irratifika l-azzjoni mehuda.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li ghandna niccekkjaw jekk l-applikazzjoni PA2646/10 kienitx barra z-zona tal-bini sabiex fil-kaz issir *objection* skond il-*policy* tal-Kunsill.

**6.2** Korrispondenza minghand Transport Malta dwar it-talba taghna sabiex vetturi jkunu jistghu jipaprkjaw fuq il-*Bus Stops* ta' Triq Caravaggio fil-hinijiet li ma jkunx hemm servizz tal-linja.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Memo 116/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Protokol Lokali u Regjonali.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Memo 118/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Inizjattiva Ambjentali biex Ticcelebra Gheluq l-20 Sena Hidma tal-Kumpanija Vodafone.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill japplika u jinnomina l-Post ta' Rikreazzjoni Ta' Zaghruna.

**6.5** Memo 119/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar *Green Challenge and Community Involvement Awards*.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsillier M. Mifsud ser jiehu hsieb jikkordina l-applikazzjoni taghna flimkien mal-Agent S.E.

**6.6** Memo 121/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Skema dwar Inizijattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Vici Sindku ser jiehu hsieb jikkordina l-applikazzjoni taghna flimkien mal-Agent S.E.

**6.7** Memo 122/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Ikliet/Ricevimenti Organizzati mill-Kunsilli Lokali.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.8** Korrispondenza mill-Ufficcju tas-Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika dwar l-Abbozz tal-Avviz Legali fuq l-Ismijiet tal-Lokalitajiet.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.9** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar *Draft Public Playgrounds Safety Standard*.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.10** Korrispondenza mill-Ufficcju tas-Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika tikkonferma li s-servizz tal-WiFi offrut mill-Gvern Centrali kien ser jehel fi Gnien il-Paci kif kien talab il-Kunsill.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.11** Korrispodnenza minghand id-Direttur Generali ghall-Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika dwar talba min naha tal-Kunsill ghal kjarifika dwar l-A.L. 129/2009.

Din il-korrispondenza giet innotata pero l-Kunsill unanimament ihoss li l-interpretazzjoni tad-Dipt. ghall-Gvern Lokali mhux korretta u ghalhekk kien ser jibqa jinsisti li l-kuntrattur ghandu jkollu permess sabiex ikun jista jiddeposita materjal tal-bini fuq bankina pubblika.

**6.12** Korrispondenza minghand Paragon Europe dwar il-possibilta' li studenta barranija tigi assenjata ghal perjodu ta' 3 xhur mal-Kunsill.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li wara l-esperjenza posittiva li kellna bl-istudenta Pollakka ghadna naccettaw din il-proposta.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Is-Sindku nforma lil Kunsill li nhar il-Gimgha fil-ghaxija, kien ircieva rapport li numru ta' *bollards* li l-Kunsill kien wahhal fi Triq Ghaxqet l-Ghajn kienu gew ivvandalizzati. Il-Kunsill filwaqt li unanimament kkundanna dan l-agir irresponsabbli iddecieda li ghandha issir il-kurduna mal-genb tat-triq.

**7.2** Is-Sindku ta rendikont tas-sitwazzjoni finanzjarja tat-3 Sotto Kumitati. Gie innotat li l-infieq sa issa huwa kopert bil-*budget* approvat mill-Kunsill fil-bidu tas-sena.

**7.3** Saret diskussjoni dwar ix-xoghlijiet li qed isiru fil-Latrina Pubblika u gie nnotat li t-tlestija tax-xoghol ittawwal bi kwazi xahar mid-data li kellu jitlesta. Giet unanimament ratifikata d-decizjoni li ttiehdet bejn il-laqghat li tigi modifikata l-bankina ta' quddiem il-latrina sabiex ikun hemm access ahjar ghal persuni li juzaw siggu tar-roti. Gie unanimament deciz ukoll li zewg stimi li l-Kunsill kien ircieva dwar modifikazzjonijiet li l-kuntrattur gie mitlub illi jaghmel ma jigux accettati u li l-kuntrattur ghandu jigi mitlub jikkwota u juza r-rati stipulati fil-kuntratt. Gie deciz li l-Agent S.E. ikompli jsegwi mill-qrib it-tlestija tax-xoghlijiet u l-kuntrattur ghandu jigi kontinwament imfakkar dwar il-penali li ser tigi applikata minhabba d-dewmien. Il-Kunsillier M. Mifsud ser jiehu hsieb flimkien ma l-Agent S.E. jikkonferma li x-xoghol hu ta' kwalita tajba u skond dak li gie miftiehem fil-kuntratt.

***Il-Kunsillieri M. Mifsud u A. Muscat hallew il-laqgha fit-8:30 p.m. minhabba mpenji ohra.***

**7.4** L-Agent S.E. informa ta dettalji dwar laqgha li flimkien ma' ufficcjal mill-ufficcju tal-Perit Grech u d-*designer* Janice Zahra kellu ma' ufficjali mill-MEPA dwar l-applikazzjoni taghna PA2413/09 sabex fost ohrajn jigi zviluppat gnien fil-post maghruf bhala Tal-Ponta fi Triq Ghaxqet l-Ghajn. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li l-Kunsill jaccetta l-istima ta' € 250 minghand Janice Zahra sabiex tkun tista tipprepara aktar dokumenti kif kien gie mitlub lilna mill-MEPA.

**7.5** L-Agent S.E. ipprezenta l-kwotazzjoni li konna rcivejna minghand Print Right sabiex jigu stampati *envelopes* bil-logo u d-dettalji tal-Kunsill. Dawn gew approvati unanimament u gie deciz li jigu ordnati 1000 *envelope* normali (€56+VAT) u 1000 *window envelope* (€ 70+VAT).

**7.6** Gew ipprezentati dettalji dwar l-ammont ta' skart mhux separat u skart separat li ngabru f'dawn l-ahhar xhur kif ukoll statistika ipprovduta lilna minn Green MT. Peress li kien hemm diffikulta sabiex tigi nterpretata din l-istatistika, gie unanimament deciz li l-Agent S.E. ghandu jikseb aktar dettalji sa laqgha ohra.

**7.7** Is-Sindku nforma li wahda mill-iskrivani tal-Kunsill kienet uriet ix-xewqa li minflok tithallas *overtime* meta tahdem is-Sibt tibda tiehu *time of in lieu*.. Il-Kunsill unanimament accetta din it-talba bil-kundizzjoni li t-*time-off in lieu* jittiehed fil-

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

gimgha ta' wara li din tkun hadmet is-Sibt kif ukoll li jkun hemm l-approvazzjoni ta' l-Agent S.E.

**8 Aggornament**

**8.1** Il-laqgha giet aggornata fid-9:05 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar il-Gimgha 24 ta' Settembru 2010 fil-5:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **24 ta' Settembru 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |